30E

# G W I E N A H   M I K S U R A

## Dramm modern fi tliett atti

Maqlub ghall-Malti minn

Carmelo Gauci

**Persunaggi**

| | |
|---|---|
| Pawlu Cassar | Missier |
| Rikardu ) Guzeppi ) | Tfal |
| Andrea | Skrittur u Professur |
| Romeo | Surmast |
| Luigi | Seftur |

Ix-xena turi

Kcina ta' dar zghira fil-kampanija. Mill-bieb tal-faccata jidhru l-ahhar dawl tax-xemx. Fin-naha tal-lemin fir-rokna tal-faccata tidher cumnija mixghula fejn hemm il-kitla tghali. Fin-nofs tal-kamra mejda bis-siggijiet fqajrin. Faccata hemm banketta mal-hajt b'ritratt ta' mar ;

## XENA I

(Fill-kcina ma hemm hadd. Jinstemghu lehnijiet tan-nies ftit boghod gejjin lura mix-xoghol jitkellmu bejniethom, wara ftit jaslu hdejn il-bieb ta' Guzeppi u jghidulu:)

Nies    Sahha Guz. Kul bl-aptit.

Guz    (Minn barra) Grazzi, il-lejl it-tajjeb. (Kif jasal fil-bieb jerga jdur) Hares Ganni, hallini narak ghada jew wara l-quddies jew wara l-ikel. Il-lejl it-tajjeb!

Nies    Il-lejl it-tajjeb, Guz.

Guz    (Jidhol, ipoggi l-ghodda f'rokna, jitfa l-glekk fuq il-banketta - guvni kampanjol b'sahhtu) Tajjeb, il-kitla taghli u ma hawn hadd; jitilquha tajjeb d-dar. U fuq kollox bil-bieb miftuh berah biex kullhadd jista jidhol mita joghgbu. (Jghajjat) Pa! Pa! Il-poeta zgur li ma ghamilx il-kitla fuq in-nar. Tibzax ftit baqalna f'din il-hajja. Wara kollox dalwaqt nizzewweg u mita jkun hawn Govanna nergghu nigu bhal mita kien hawn ommi fid-dar. (Ihawwad in-nar imbaghad ipoggi bilqeghda) Fl-ahhar jigi xi hadd. ....u x'guh ghandi l-lejla.....

## XENA II

(Pawlu jidhol mill-bieb tal-faccata; bidwi xih fuq tieghu mahnuq ix-xemx, minghajr glekk, bil-kmiem tal-qmis immammrin)

Pawlu    Heqq, mela int hawn Guz?

Guz    Hu zgur, ma sarx hin bizzejjed!

Pawlu    U huk ghadu ma deherx?

Guz    (Inkurlat) Min, dak?.... Imma ghadek ma fhimtx, pa, li dak qatt ma ghandu jaghmel xejn? Ghadek ma fhimtx li dak ma jridx hlief ighix minn fuq darek u dahri, minn fuq l-gharaq ta' gbina?

Pawlu    (Kalm) Ikkumpatih Guzeppi, taf bizzejjed li Rikardu xejn m'hu f'sahhtu.... taf kemm hu xipli...

Guz    (B'ironija) Sewwa qieghed tghid, idejh fini u l-hamrija thammighomlu... u din nafuha... biex tahdem fir-raba' trid twarrab l-ilbies sabih u l-qomos illamtati. Fuq kollox taghmilha ta' poeta hija haga sabiha specialment meta wiehed min jahdem ghalih.

Pawlu    Le, le Guz... donnok certi affarijiet ma tifhimhomx. Jiena nafli ma tixtieq ebda deni lil huk. Ahseb ftit Guz, kieku huk Rikardu jakkwista isem... isem kbir ta' poeta, kif tghid is-surmast tieghu ma jkunx ahjar milli jaqbad l-imghazaq f'idu? Is-surmast ighid li Rikardu huwa intelligenti hafna.

Guz	Imissu m'hux! U nghid hux intelligenti; anzi professur! Mita wieheu jirnexxilu jiekol, jorqod, jilbes bla ma jaghmel xejn... altru li jkun intelligenti.... ahna l-gdur ul-injuranti li nahdmu ghalih!

Pawlu	U oqghod kwiet Guzeppi. Mur ara dik il-kitla hix taghli gham ghandi l-guh.

Guz	Anke jien ghandi l-guh, imma jehtieg li l-kitla jiehu hsiebha hadd iehor, bizzejjed ghamilt gurnata shiha naghti fl-ghalqa.

Pawlu	Eh, kieku ghadha hajja ommok! Kieku konna nsibu l-minestra shuna u maqluba fuq il-mejda.... u issa hwan jien biss, imsejken xwejjah.

Guz	U anqas ghandek toqghod issajjar dejjem int. Li ma kienx imhabba Rikardu li qed jghaddi hajtu fil-ghazz kieku ga fadalt dik il-kemxa flus u nista nizzewweg. Imma dak irid jiekol minn fuq dari, u ma jistax ikun li ...oqghu sejrin dejjem hekk.

Pawlu	Naf ibni, int m'ghandekx tort... imma huk.... ara hallina minn dan u nahsbu biex intaffu ftit il-guh.

Guz	(Waqt li qed jitkellem igib il-borma u jferrah ftit il-minestra) Hu zgur, ahna rridu nahsbu ghall-ikel u hu jiekol ta' sinjur il-lukanda ma dak il-habib tieghu... il-professur... il-kittieb, dak li dawwarlu rasu; ghandu bzonn jigi jahdem xi gimghatejn fl-ghalqa, u jahdimha bhalma nahdima jien minn filghodu sa fil-ghaxija f'xemx taqli. Huma jmorrulek ghad-dell jitkellmu min jaf fuq hiex, jaghmlu l-kumplimenti lil dik is-sinjurina li tkun maghhom... li taparsi giet ukoll biex tgawdi l-kampanja....

XENA III

Surm	(Wasal hdejn il-bieb u jisma l-ahhar kelmiet ta'Guzeppi; daqsxejn imma hafif u jirraguna hafna b'idejh) Dik is-sinjurina, ghaziz Guzeppi, m'hi xejn inqas hlief tragika.

Pawlu	Buona sera, surmast.

Guz	Buona sera......

Surm	Kulu bl-aptit; Tragika... tragika kbira... l-ikbar tragika. Skuzawni jekk ma tlabtx permess qabel dhalt.... dik is-sinjura hija wahda minn dawk li mita jitkellmu minn fuq il-palk jghaxxqu l-platea kollha. Insomma Pawl, jiena gejt ghalik, imma qabel kollox ghandi ahbar tajba x'naghtik.

Guz	Is-soltu.... int dejjem tigi b'xi ahbar tajba.

Surm	Oqghod kwiet int... ghalaq halqek! Int ma taf xejn u lanqas tipp-rova tifhem u tara....

Guz Nahseb li nara iktar minnek.

Surm Ma tarax... ma tifhimx... m'intix kapaci tizen x'hemm f'ras huk...

Guz Hemmmmmm.... kont ser nghidlek x'hemm f'rasu!

Surm Oqghod kwiet....f'ras huk....f'ras huk, l-istudent tieghi, hemm... hemm xi haga kbira... xi haga miraviljuza... mirakoluza Pawlu... ghaziz Pawlu fejn hu... fejn hu l-manoskritt.

Pawlu Inti dejjem mohhok fil-manoskritt; allahares jaf Rikardu li qeghdin immissuh.

Surm Inti taf li dak il-manoskritt huwa l-fortuna tieghu? Mur gibu Pawl. (Pawlu jmur) Dak huwa l-glorja tieghu. Ahseb ftit, Guz, x-unur ikollok hawn mieghek lil huk bniedem ghareg.... kbir....

Guz Jien ikbar minnu!

Surm Injorant! Jien ghidtlek bniedem kbir.... kbir fl-intelligenza.... bniedem li l-quddiem ikollu monument f'kull pajjiz....f'kull belt. Ghad isemmu ghalih toroq....pjazez....palazzi....bliet! Oqghod....qieghda tigini idea....hawn fuq il-bieb naghmlu rhama u fuqa niktbu:"Hawn, f'din id-dar fqajra....twieled il-famuz.... il-kbir....

Pawlu (Jidhol) Hawn hu! (Jaghtih il-manuskritt)

Surm (Jiehu malajr il-manuskritt u jitbissem kuntent) Hawn hu! Hawn hu! Hawn gew hawn kollox! Kieku ma kontux injoranti daqs il-basal komt nurikom it-titlu.....X'titlu hej! X'isem sabih! Tassew ta' min ibusu.(Ibusu) Titlu li lanqas Dante ma kien kapaci isib bhalu.Imma harsu l-hawn arawh daqsxejn:"RE MINGHAJR TRON". Bizzejjed ixxandar it-titlu biex tara mijiet ta' nies gejjin mill-erbgha parti tad-dinja; imbghad jintela' t-teatru.... titla l-purtiera.... l-ewwel att....it-tieni att....meta jispicca t-tielet att ikunu raw hwejjeg kbar, hwejjeg ta' l-ghageb. Tassew jisthoqqlu bewsa ohra.

Pawlu Allura tassew li dar-re huwa xoghol tajjeb hafna!

Guz U hallih jghid, pa! M'intix ser tiggennen inti wkoll hux?

Surm Mignun?.... Mignun tassew ghax naf ftit iktar minn dan l-injorant; mela x'int, injorant mill-kbar; ma naghmlux li trid tghallem lis-surmast tieghek li ghallmek taqra! Ma tridx tghid li taf iktar minni hux?

Guz Insomma issa smajt bizzejjed. Kekk kont is-surmast tieghie u issa qed tghajjarni injurant, dan ifisser....

Surm (Jidhaq) Li jien iktar injurant minnek. Hekk hu, logikament iva.... imma bil-fatti le, ghaliex jien m'iniex injurant. (Jirrabja) Ghaliex kieku jien kont injurant.... kieku jien kont injurant.... allura dan ifisser.... allura trid tghid insomma.... (Igerger)

Pawlu Ikkalma, surmast, ikkalma.

Surm Nikkalma hamiema ttir! .... Jiena, jew m9iniex is-surmast?!

Guz Tal-hmir!!

Surm Hu zgur li tal-hmir! KIeku ma kontx il-veru hmar, ghandekhuk jaf jikteb xogholijiet b'ismijiet sbieh bhal dawn u ma zzomux fuq wicc idejk? Injurant!... Re minghajr

Guz .... tron! Tghallimtha bl-amment jien ukoll!

Surm Imma ma tafx xi tfisser 'Minghajr tron'. Ghall-informazzjoni tieghek minghajr tron tfisser.... bhala regola hija... re... li huwa minghajr tron... u dak kollox... ara nispiccawha u nidfnuha hemm bla ma nitkellmu iktar fuqha.

Guz (Iqum) U jien sejjer! Sahha, sur....!

Pawl Imma Guz, stenna ftit, isma daqsxejn....

Guz Jekk intom imgienen jien m(iniex. Sahha (Johrog)

XENA IV

Surm Bravu! Edukazzjoni sabiha. Ma tisthix, lis-surmast tkellmu hekk? Dan ir-rispett lejn dak li skopra li huk ras kbira.... ras mill-ikbar.... gherf li ma hawnx bhalu..... Mela konna qed nghidu... cioe' kont qed nghid li ghandi ahbar sabiha ghalik, mghallem Pawl.

Pawlu Kellha bzonn kienet ahbar tajba! Emminni, surmast dawk iz-zewg itfal.... wiehed qed jinqatel bix-xoghol tar-raba' u l-iehor qed jinqatel fuq haga li ma nifhimx fiha.... ma nista' nifhem xejn, imma billi nara li int mitluf warajha, qed ninteressa ruhi jien ukoll; dak it-tifel dejjem marid miskin; emminni, surmast, nixtieq li ma nhallih jaghmel xejn.

Surm Isma', mghallem Pawl, il-lejla ltqajt ma dak is-sinjur... dak il-proffessur.... insomma dak.... u trid tara ried ikellimni u taf x'qalli? Qalli hekk; Dak it-tifel genju. Pawl, dak it-tifel ghad jaghmel isem. Ghandu bzonn biss li jmur ighix f'belt kbira.... (Pawsa) Mastru Pawl, dak it-tifel ghandu bzonn imur Ruma!

Pawlu (Mahsud) Eh? X'inti tghid, nibghatu barra mid-dar?

Surm Le, mhux tibghatu barra mid-dar, imma hallih imur ifittex xortih u jaghmel unur lilu u lil familja.

Pawlu Issa tarah jilghaq xofftejh; halli ngiblu malajr. Jiddispjacini li t-tifel l-iehor mhux hawn ghax kieku tarawh kif jixorbu l-imbid.

Rik Pa!!

Andrea Grazzi, grazzi! Jien ma nixrobx, jew ahjar ma nixrobx imbid; mhux soltu tieghi.

Surm Hu zgur... l-artisti.... il-kittieba.... jixorbu xi haga ahjar. Nghiduha kif inhi, l-imbid hu biss xorb tan-nies tal-kampanja.. nies ta' stonku xieref.

Pawlu Xi trid taghmel... jiena hsibt....hares, ahna tar-rhula ma nafux nitkellmu u ngibu ruhna bhalkom is-sinjuri..(Kuntent) Imma jien ghandi t-tifel li jaf jitkellem, li jaf jikteb... li jaf joqghod ma'...nghidu ahna....

Surm Man-nies il-kbar, man-nies il-kbar...eh, Profs? Kont tahseb li f'dan il-faqar se sssib guvni gharef bhal dak? Mhux biex niftahar imma jien kont l-ewwel surmast tieghu, jien kont li hajjartu ghal din il-hajja hekk sabiha.... tal-poezija... anke jien dejjem kont inhajru biex jikteb (Jara lil Andrea jidhaq) Ghandek ragun! Jien m'inhix hlieft surmast...

Rik Le, le; surmast mit-tajbin; surmast tassew ezemplari.

And Is-surmast huwa l-ewwel u fuq kollox fis-socjeta; l-situdent gharef huwa l-kbir unur tas-surmast.

Surm (Bil-ferh) Grazzi, grazzi; gan huwa l-isbah jum tal-hajja tieghi... dawn il-kelmiet ninsighom sewwa f'qalbi u nohodhom mieghi anke gol-qabar. (Rikkardo u Andrea jitbissmu) (F'salt wiehed is-surmast jiftakar) Eh! kemm jien hmar!

Pawlu Xi grelek surmast?

Surm Skuzani; professur. Mghallem Pawl gejt biex nghidlek li Mattija jridek u jien insejt ghal kollox. Jiddispjacini, sur professur li jkolli nhalli l-kumpanija tieghek.

And Ma jimpurtax m'hemmx fiex niskuzak.

Pawl Allura, Rikkardu, ser inhallik mal-professur, dalwaqt nigi.

And Ghamlu l-affari taghhkom ghax jien dalwaqt immur ukoll ghax sar hafna hin.

Pawlu Buona sera, sinjur,

Surm Illustrissimu professur, kieku taf kemm ghamlu gid fija dawk l-kelmiet sbieh tieghek, nispera li nerga niltaqa mieghek u li nkunu nitkellmu iktar fit-tul. Buona Sera! Buona sera Rikkardu!

Rik Surmast, buona sera; iddumx pa! (Johorgu surmast u Pawlu b'hafna nkini).

Pawlu Imma int qed thoss, surmast! .... inhallih jitlaq mid-dar hekk debboli u marradi! U min idur bih? Min ikun mieghu qalb nies barranin? Imdawwar b'dawk il-perikoli kollha... tinsiex li jien missieru, surmast! Jiena rahhal injurant... sejjahli li trid, imma go sidri ghandi qalb tahraq ta missier! (Pawsa) U jien x'naghmel minghajru, minghajr ma nara lil Rikkardu tieghi? Inkun naf li qieghed il-boghod u forsi ma jkunx jiflah minghajr ma nista naghtih ghajnuna! Mita xi hadd jaghmillu d-deni u jbikkih u ma nistax niddefendih! (IMqanqal) Emminni, surmast, jiena lest biex nibki l-kumplament ta hajti basta ma narax lilu nkwiet u mbikki; basta naralu fuq xofftejh dik it-tbissima helwa ta' ferh kuntent bhal mita kien tifel zghir, bhal mita kien b'sahhtu.... inti ma tistax taf x'issarraf l-imhabba ta' missier.......

XENA V

Rik (Jinstema lehen barra) Ejja, ghaddi!

Pawlu (B'hasda) Isa, isa ghax gej!

Surm (Imur lejn il-bieb u jhares) Iva, iva gej mal-professur.

Pawlu Aghmilli pjacir thallihx jara dak il-pitazz(Jiehu l-manuskritt minn idejn is-surmast) Jekk joghgbok, surmast, zbarazza ftit il-mejda sakemm immur inqeghdu f'postu. (Imur biex ipoggi l-pitazz)

Surm (Jizbarazza l-platti) Eh f'di d-dinja trid taghmilha ta'Kollox.

Rik (Minn barra) Ghaddi, ghaddi Andrea halli tkellem lil missieri.

And (Minn barra) Le, ghax tard wisq.

Rik Ghaddi ftit, minuta wahda.

Pawlu (Jerga jidhol in-xena, jilbes il-glekk u jfarfru b'idu)

And U Rik (Jidhlu; Andrea josserva l-kamra fqira)

Rik Pa, dan il-proffessur.

And Buona sera, buona sera! (Jara s-surmast fir-rokna) Int hawn ukoll surmast? Bravu, bravu!

Pawlu Poggi bilqeghda.

Surm (Bil-mod lil Pawlu) Mghallem Pawl, issa offrilu xi haga.

Pawlu (Lis-surmast) Dan zgur. (Lill-professur) Issa, sinjur, la darba dhalt fid-dar taghna, ingiblek flixkun imbid, li nista nghidlek li qatt ma doqt bhalu. Mhux biex niftahar, taf, imma jien inhobb nistma l-hbieb.

Rik Pa!!

XENA VI

Andrea Taf li joghgobni s-surmast tieghek! Ghandu entusjasmu kbir ghalik. Nixtieq nara dan l-entusjasmu fik ukoll. Aghmel kuragg kemm tiflah.

Rik Inhoss li dal-kuragg qed jonqosli; qieghed inhossni nitlef it-twemmin fija nnifsi.

Andrea Allura, habib tiehi, ghalxejn gejt tfittixni. Jekk m'intix kapaci tirbah lilek innifsek u tbieghed dan is-sentimentalizmu ghalxejn thares lejn dik il-hajja ta' kobor, hajja ta' glorja!

Rik Int issejjahlu sentimentalizmu!

Andrea U int x' issejjahlu? Forsi xi dmir?

Rik Jien insejjahlu istint... poezja tal-qalb... imhabba!

Andrea (Jidhaq) Poezija, imhabba! Ha, ha, ha! Ahna l-poeti ghandna noqtlu dan il-biza' u minn floku ndahhlu hag'ohra.

Rik U x'tahseb li rridu ndahhlu?

Andrea Il-hajja shiha; glieda qawwija u minghajr misthija jew biza'. Inti taf bizzejjed li l-hajja tal-glorja m'ghandniex infittxuha fil-kwiet, fis-solitudni... imma fost il-glied u l-istorbju.

Rik Nibza li m'ghandix forza bizzejjed! Inti ma tafx xi jfisser ghalija li nitbieghed minn dak kollu li ghandi ghal qalbi f'din id-dinja.

Andrea (Ironiku) Naturalment dar missierek!

Rik Iva, dar missieri! bil-memorji taghha kollha, bl-imhabba li jien imdawwar biha.

Andrea Dawn l-erbgha hitan qed jagghu, u huk li ma jafx hlief igerger.

Rik Le! tghidlix hekk; ma nixtieqx li twaggaghli l-qalbi b'dan il-kliem hekk insolenti. Dawn l-erbgha hitan qed jagghu ghad ghandhom il-fwieha ta dik il-mara.... ta' ommi. Dawn l-erbgha hitan semghu l-ewwel tahbit ta' qalbi, l-ewwel xewqat; ghandhom mohbija l-ewwel hsiebijiet ta glorja li tkebbsu gewwa qalbi.....

Andrea Kemm qed issir imbecilli! Ghamilt zball kbir mita hsibt li minnek ser nohrog xi bniedem serju, xi gharef...... u mieghi zbaljat ukoll Andriana li hasbet bhali! Ha, ha, ha, . Saghtejn ilu ma tkellimtx hekk fil-villa taghha.

Rik Andriana...naf... bizzejjed kelma wahda biss minn taghha biex terga theggigni.

Andrea U jekk tghidlek din il-kelma?

Rik Ma tghidhiex, ma tistax taghmel dak li trid hi.....Imma kif tridha tressaq ix-xoghol tieghi bil-kumpanija taghha quddiemek.... xoghol ta' bniedem mhux maghruf, biex forsi tpoggi ruhha fil-periklu li jiddiehqu biha ukoll?

Andrea U jekk taccetta?.... Jekk tghid iva mhabba fik?....

Rik Ma nemminx li ser tasal biex taghmel dan.

Andrea La tridni nghidlek dan sejra taghmlu!

Rik Ma nistax nemmen!

Andrea Int imbecilli!! Anke l-kuragg naqaslek? Ma baqalek xejn biex turi l-gherf tieghek? Id-dinja hija ta' min jaghraf jirbah u biex tirbah jehtieg kuragg kbir.... anzi illi turi iktar milli int.... fuq koll-ox ghamel dak li joghgbok.... ibqa' qalb ir-raba li twelidt fih jekk trid, qalb il-hitan li daqwaqt jaqghu borg fuqek.....Sena ohra, mita Adriana tigi hawn, tkun tista ssellimlek waqt li tkun milwi tnejn taghzaq fl-ghalqa.... idejk mahmugin... wiccek imcappas bil-hamrija.... Ha...ha, ha!

Rik Allura, xi tridni naghmel?

Andrea X'taghmel?! Itlaq.... itlaq hin bla waqt.... Andriana qeghda tist-ennik.... mur.... ahrab warajha.

Rik U missieri?

And Tahseb li missierek se jinteressa ruhu fil-kummiedja tieghek? U hallina minnek!

Rik (Sieket, wara jiehu decizjoni) Tajjeb nitlaq, ghalkemm b'qalbi maqsuma.

And Dan kollu ghal haga zghira hekk.

Rik Inhossni mmut bil-ghali, imma nitlaq.

And Fl-ahhar tajt kelma ta' ragel! Hekk ghandek tkun, sod fil-fehma tieghek.... mhux qisek mejjet..... mur u ghix ta' nies. Issa stess immur u nghid lil Adriana bil-hsieb tieghek.

Rik Mita nerga narak?

And Niltaqghu Ruma; ghada stess nitilqu; sahha u kuragg.

Rik Kuragg!.....daqsxejn difficli. (Iwasslu sal-bieb, jiehdu b'idejn xulxin u johrog Andrea) Arrivederci.

XENA VII

Rik (Ghadu miblugh ihares lejn barra li beda jdallam; ihares lejn ir-ritratt t'ommu, ipoggi rasu bejn idejh jahseb)Ma, dak il-professur genninni, hadli rasi ghal kollox. Imma inti, ghidli, tkun kuntenta jekk immur? Jekk nitlaq din id-dar?

Pawlu (Jidhol, ihares lejn it-tifel u jersaq bil-mod lejh) Rikkardu!

Rik (Jerfa rasu) Missier!

Pawlu (Bil-hlewwa) Il-lejla ghadek ma kieltx, hux tassew?

Rik Kielt pa,.

Pawlu Fejn ibni... id-dar ma dehertx? Kielt ghand dak il-habib tieghek?

Rik Le!

Pawlu Allura....(Rikkardu ma jitkellimx) Kont ghand dik.... ghand dik is-sinjurina, hux tassew!

Rik (M'ghandux kuragg ihares lejn missieru)

Pawlu (Izieghel b'ibnu) Imsejken Rikkardu! Inti tafha lil dik-is-sinjurina? Taf min hi sewwa? Tahseb li dik tiswa iktar mid-dar fejn trabbejt... mix-xwejjah missierek? Minn dak kollu li qieghed idawrek bl-imhabba, specjalment dik ta' missierek?

Rik [illegible]!

Pawlu Min hi?

Rik Artista!

Pawlu Tajjeb. Imma taf min hi barra l-professjoni li ghandha? Taf xi kwalita ta bniedma hi?

Rik Artista kbira tat-teatru li tinteressani, li tixtieqni nohrog minn qalb dan id-dlam li qieghed nghix fih.... imma ghalxejn nghidlek ghax dawn l-affarijiet ma tifhimx fihom; inti ma tistax tifhem il-hsiebijiet tieghi.... lil qalbi.... ma taf b'xejn barra minn dak li jezisti bejn dawn l-erba hitan.

Pawlu Ghandek ragun, Rikkardu. Jien ma nistax nifhem.... Imma b'daqshekk tahseb li ma nixtieqlekx gid aktar! Tahseb li ma nhobbokx xorta wahda, anzi xi ftit iktar? Jiena qatt ma tghallimt, imma dejjem kont maghluq f'dan il-pajjiz ma ommok. B'dan kollu tinsiex li jien missierek.... rajtek titfa l-ewwel passi.... tlissen l-ewwel kelma .... jien kont inkwiet hafna mita kont toqghod maz-ziju waqt l-istudji tieghek, u ma nistax nghidlek b'liema hrara rajtek gej lura f'darna u tieghu postok madwar il-mejda....

Rik Fejn qeghdin tissaportuni fuq l-istonku taghkom!

Pawlu Le Rikkardu, ghid fejn int imdawwar bl-imhabba.

Rik Fejn qeghdin tissaportuni! Naf li Guzeppi jhares lejja bhala l-ghadu tieghi, jew almenu bhala wiehed li ma ghandi ebda jekk li nkun hawn. Iva, nhoss li int qed izzommni hawn ghaliex missieri, imma int ukoll taf u tqiesni bhala bniedem zejjed u li ma jien kapaci ghal xejn...

Pawlu (Iddispjacut) Ma nistax nifhem, Rikkardu!

Rik ...... li m'jien kapaci ghal xejn ghaliex dejjem marid; ghaliex ma niflahx nahdem fir-raba; mhux l-ewwel darba li Guzeppi qalli li ma li ma nafx hlief nahli l-karti minghajr ma nghaqqad xejn, minghajr ma jimpurtani jekk il-qamh kiber x b'sahhtu, jekk id-dwieli ghamlux muna tajba, ghaliex jien qalbi m'hix marbuta ma hawn, imma l[illegible]oghod lejn orizzonti ohra, lejn hajja iktar miftuha... jiena ma niswa ghal xejn skond ma tahsbu intom.... jien zejjed!

Pawlu Ma nistax nifmek, Rikkardu! Iktar ma nipprova nressqek lejna iktar narak titbieghed, iktar tahrab. Haġa wahda nista nghidlek, jien missierek u nhobbok. Ismaghni Rikkardu; tahseb li dik il-mara thobbok tassew? Tahseb li l-imhabba taghha hija sinciera? Li tista twarrablek minn qalbek l-imhabba tieghi.... l-imhabba t'ommok?

Rik Ma nafx....

Pawlu Iftah ghajnejk sewwa ibni. Tintilifx ghal kollox warajha ghax jista jghaddi z-zmien u twarrbek bhalma tifel iwarrab gugarell wara li jkun iddejjaq minnu.

Rik Le, pa! Dan ma jkun qatt. Minnha biss jiddependi l-fortuna tal-hajjat tieghi, dak l-ideal li ghandi f'qalbi, dak ix-xoghol li fuqu hlejt sahhti. Inti pa ma tistax tifhem x'ferh, xi glorja, mita tisma n-nies icapcpu u jfahhru x-xoghol tieghek..... xi jfisser tkun applawdut minn folol immensi ta' nies....

Pawlu Minn jaf, Rikkardu, kemm il-darba qbadt dak il-mazz karti bejn idejja u qlajt ghajnejja u habbilt rasi biex nittanta nifhem xi haġa, biex nipprova nhoss dak li thoss int,... imma qatt ma rnexxieli l-hsieb tieghi, qatt ma wasalt biex nara l-bniedma li ghad trid taghmlek felici kif taraha int! Hafna drabi kelli nirtira lura umiljat, u hassejtek bhal bniedem superjuri ghalija.... qisek qed tghix f'dinja ohra.... u ghaliex dan kollu? Ghidli Rikkardu!

Rik Ghaliex? Jien ukoll nistaqsi din id-domanda. Ghaliex inhossni hekk boghod minnek u minn hija Guzeppi. Jekk triduni nghix bhalkom ghaliex tajtni qalb differenti minn taghkom? Ghaliex ma thallinix nittajjar lejn dik il-glorja li taghha qed nara d-dawl ftit boghod minni? ,,, Ghaliex?.... (<u>Iddoqq il-qampiena tad-De Profundis. Pawlu jnehhi l-kappell u joqghod ghar-rkuptejh. Rikkardu sieket bil-wieqfa</u>).

Pawlu Ghaliex ma tlabtx ibni? Anke t-talb tal-mahbuba ommok qieghed twarrab dil-habta?

Rik Ma nistax iktar, pa.

Pawlu Dak il-habib hadlek rasek, hux tassew? Imma x'inhu li dakhallek go mohhok?

Rik Pa, hallini mmur; hallini nitlaq jekk ma tridx tarani mmut ftit ftit .... naf .... inti forsi ghandek ragun.... imma jien ma nistax,,, ma nistax nibqa f'din id-dar.

Pawlu Tajjeb.... qalbi qeghda tinqasam.... imma ma jimpurtax....la darba ma tridx tisma l-kelma anzi t-talba ta missierek jiena ma rridx inzommok fuq qalbek.

<u>XENA VIII</u>

Guz (<u>Jisma l-ahhar kelmiet ta' missieru minn hdejn il-bieb</u>) Sejjer is-sinjur..... tajjeb, anzi ahjar. Jiena u hu ma jistax jkun li nghixu taht saqaf wiehed.... tajjeb fer,.... nawgurawlek. Nispera li ssib lil xi hadd biex tghix minn fuq dahru!

| | |
|---|---|
| Pawlu | Guzeppi! |
| Guz | Ghandu raġun, il-patata mhux ikel tajjeb ghall-istonku tieghu, sinjur bhal dak! |
| Rik | Thabbilx rasek, sejjer ghax minn tieghek ma rrid xejn. |
| Guz | Imma sal-lum dejjem hadt! |
| Pawlu | Guzeppi, thallinix nisimghek titkellem hakk! |
| Guz | Tajjeb, int ma tridnix u jien inhoss li rrid nisfoga u nghid dak kollu li ghandi f'qalbi. Inhoss li rrid nghidlu li s'issa ghajjixtu jien, li tajt sahti biex hu jzomm idejh indaf u l-qmis illamtata. Jaf li jien ghadni ma zzewiġtx biex hu jkun jista jilghadha tas-sinjur.... imbaghad fuq kollox jiġi jghidlek li hu sejjer.... |
| Rik | Guzeppi, bizzejjed ghax nispiccawha hazin! |
| Guz | Li....li sejjer wara dik.... dik is-sinjura....mur, mur....nispera li tmantnik hi! |
| Rik | Guz, ghidtlek bizzejjed! |
| Guz | Mur! Itlaq u toqghod tghajjat xejn. Jien nista nzommok jew nkeccik ..... imma issa ma rridekx aktar.... |
| Pawlu | Hawnhekk hadd m'ghandu l-jekk li jkecci lil hadd hliefi! |
| Guz | Mela allura nitlaq jien! |
| Rik | Le oqghod hawn. Inti tahdem....jien li qed nghix minn fuqkom. |
| Guz | Mela itlaq...(Bir-rabja) Ghalfejn qieghed hawn biex tizrobilna demmna! Itlaq!.... (Pawlu mrekken jibki, Rikkardu jqum bil-mod biex jitlaq. Guzeppi jara l-missieru jibki, ihoss ghalih u jmur jaqbad lil Rikkardu minn spalltu) Iqaf! Iqaf! Anqas qalb ma baqaghlek? Tridu jmut bid-dispjacir? (Jitfghu fuq siggu, ihares lejh fiss, imbaghad f'daqqa wahda) Il-lejl it-tajjeb..(Johrog ighaggel) |
| Rik | (Ikun se jqum imma taqbdu skoss qawwi ta soghla) |
| Pawlu | (Izieghel b'ibnu) Rikkaru! Ibni! ...Mur, mur...ma rridekx issofri aktar. Imbiegh l-ghalqa biex tkun tista tmur. (Pawsa zghira) Imma hawn, Rikkardu, f'din id-dar fqajra taghna nibqa nistennik ma l-imsejkna ommok sa ma ntemm hajti! |

Purtiera

Jispicca l-ewwel att

## IT- TIENI ATT.

(Ruma, fejn joqghod Rikardu: salott eleganti.Fin-nofs tavolin tond bi ftit fjuri u kaxxa sabiha tas-sigaretti. Ftit siggijiet u mal-hajt ritratt t'ommu.)

### XENA I

(Ix-xitwa ; dawl baxx. Andrea, il-professur, bil-coat u l-kappell wieqaf fil-fond tax-xena) (Wigi, s-seftur, wieqaf hdejn is-siggijiet)

Luigi Emminni, sur Andrea, ghadu ma deher xejn. Il-bierah filghaxija hareg mieghek biex mortu t-teatru u minn dak il-hin ma rajtux aktar.

Andr. (Bid-dahka ) Eh naturalment tant hadha bi kbira li milli qieghed nara anqas irid juri wiccu. Wara kollox ghagla m'ghandix u fejn immur anqas. Nista' nibqa' nistennih, xi hin jew iehor jigi... hemm bard wisq barra, Wig!

Wigi Jekk ikollok bzonn xi haga jien gewwa , sinjur.

Andr. Gibli grogg, Wig, u noqghod nistennih hawn, sa dan it-tant noqghod nara ftit il-gurnali.

Wigi U jekk idum hafna?

Andr. Ma nahsibx li mar jaqbex minn x'imkien! Hin jew iehor jigi....

Wigi (Johrog biex igib il-grogg

Andr. (Johrog [illegible] ipoggi, jifrex il-gurnal u jaqra f'qalbu) wara jikkummenta) Hareg tassew ta' ragel [illegible]-opra li kiteb. Bi kritika bhal din bizzejjed biex imur jaqbez minn fuq is-sur. Insomma ha lezzjoni ghal ghomru. Rabba arja wisq! Haseb li lahaq xi Shakespear. (Jara s-sigaretti, jiehu wiehed u jixghelu.) Eh, sigaretti mill-fini; anqas jien ma npejjep minnhom. (Jidhol Wigi bill-grogg) Isma' Wig, qieghed xejn ghal qalbek mas-sinjur.

Wigi Isma' ,sinjur, la darba jhallasni m'ghandix x'ingerger.

Andr. Naturalment!

Wigi Hu jhallasni u jien nahdimlu.

Andr. Imma ghidli ftit, wig, is-sinjur dejjem ihallsek?

Wigi Da zgur! imma biex nghidlek is-sewwa, issa ilu xahar ma jhallasni, imma weghedni li jhallasni l-lejla stess ghax kien zgur li ser jaqla kemxa gmiela mit-teatru.

Andr. (Jitbissimlu) Hu zgur! Miljunarju se jsir mit-teatru!

Wigi Jien ma nafx! Ghandu wkoll ihallas il-kera tal-flat. Is-sid ga gie darbtejn biex jigbor flusu. Anzi dalghodu qalli li dejjjaq gej u sejjer.

Andr. (b'ironija)U iva, ihallsu bit-teatru! Mela le! tajjeb tajjeb! Halli nistennih! Inti mur kompli, Wig (Johrog)

### -XENA II

Andr. (Wahdu; jiehu gost ipejjep is-sigarett u jqalleb il-gurnali) Issa waslubiex jispiccawlu l-flus tal-ghalqa li kien bieh missieru, jekk mhux ga spiccawlu. Tassew trid tkun imbecilli bhalu biex tahseb li sirt xi haga. Minn ghalih li ser jitlaq mir-rahal tieghu u jirbah Ruma f'qasir zmien u fuq kollox lil Andriena! (Ihares lejn il-gurnali) Eh, hawn ghandu xeba ohra. Imma l-isbah tieghi. Jekk jaqrah

bizzejjed biex jaqbes fix-xmara! Ha,ha,ha!.......

## XENA III

Rik (Jasal fil-bieb, fil-kappell u l-coat f'idu; avvilit, isfar, qisu fis-sakra, ma jarax lil Andrea mill-ewwel; jitfa' l-kappell fuq siggu, jnehhi l-coat imbaghad jaghmel xi zewg passi u jara l-Andrea.) Andrea, int hawn!

Andr. (Ikun jaqra imbaghad itella rasu) Mela gejt, anqas smajtek diehel!

Rik Ilek tistennieni?

Andr. Ili ftit hawn.

Rik (Jintelaw fuq siggu) Inhossni ghajjien ferm...propju sfinit.

Andr. Mnejn gej?

Rik Mnejn gej? Anqas jien ma naf!!

Andr. Kif ma tafx?!

Rik Gej mill-boghod... ghajjein mejjet.

Andr. Rikkardu!

Rik Inhossni sfinit... mitluf... minghajr speranza ta' xejn. Inhossni nifga...bhal xi haga qieghda taghfasli grizmejja.

Andr. U hallik minn dan; wara kollox ghadek zaghzugh, ghandek zmien bizzejjed biex tkseb isem u tkun maghruf mad-dinja kollha.

Rik. Le, ma baqa' xejn ghalija la avvenir u l-anqas hajja! Jien spiccajt ghal kollox....jien ser niggennen jew immut; ma nhossx il-forza li nerga nibda, ma nista' nsib ebda hajt ta' kenn....xejn; il-hajja ittradietniminn twelidi, qasmitli qalbi ghal kollox, hallietni ghal kollox, hallietni bla sahha.....anqas biss naf x'jien naghmel... qiesni mitluf fid-dezert jew bejn sema u ilma ....mitluf wahdi f'tempesti ta'rwiefen u halel, minghajr ghajnuna ta hadd....... domtnimxi l-lejl kollu bla ma naf fejn qieghed. Dalghodu mita somt sibt ruhi fil-kampanja....wahdi... mirzuh bil-bard....imdejjaq... qalbi vojta ghal kollox.

Andr... U hallina kemm ser iggib id-dinja fit-tarf....Wara kollox il-fjask tal-bierah ghoddu bhala battalja mitlufa.

Rik. Fil-hajja hekk battalji li fihom tisfa mejjet....Int ghandek ragun ghaliex ma tafx x'ifisser tkun avvilit....int maghruf tajjeb... applawdit ; jien le, qieghed tifhem! Jien le! Jien m'inhix hlief bidwi... u ghalhekk jidhku bija. Ippruvaw iwaqqghuni ghac-cajt, fifhem?!

Andr. (Iqum bil-mod, jitbissem u jaghtih harsa ta' bniedem kuntent ghat-telfa li kellu.)

Rik. U b'dan kollu ghadni m'inhiex konvint!Qieghed inhoss f'qalbi bhal vuci li tghidli,"Taqtax qalbek, dak li kitbu fuqek m'hux veru!" Inhoss li din il-waqa' tieghi , dan il-fjask hu kollu tort ta' xi hadd li ghamlu apposta .....li joboghdni.....

Andr. (Jinsinwalu) Ara, habib tieghi, int ma ridtx twarrab certi ideat....

Rik. Le, ma ridtx!

Andr. Int padrun tieghek innifsek....imma il-folla u l-publiku trid ittih dak li jrid hu. Int ridt tahrab certi nies waqt li kellek tbus id li xtaqt maqtugha. Minflok ghamilt hekk int ghogbok tigdem... inghalaqt wahdek bla parir ta' hadd, imdawwar biss bis-suppervja li ghalbitek u.....

Rik U ghalbuni! Imma le! Mhux il-publiku li waqqaghni, imma xi hadd li joboghdni....li jisthi juri wiccu ghaliex ipokrita.. li jixtieq jarani mmut bil-piena qabel ma nakkwista l-fama li tisthoqqli.(Pawsa) Min jaf x'sar minn Andriana...anke hija waqghet mieghi f'halq l-eghdewwa tieghi.

Andr. Il-kritika , habib tieghi, hija qawwija; hemm bzonn ukoll li tidrha tigbet lejk lil min ikun lest biex jikkritikak.

Rik. Iva , ghandek ragun. X'qalu l-gurnali fuq ir-rapprezentazzjoni tal-bierah? Tini l-gurnali halli nara....

Andr. U hallik mill-gurnal, taghtix kaz tieghu(Taparsi ma jhallihx jarah)

Rik. Hallini narah!(Iqum u jaqbad il-gurnal minn fuq il-mejda, dak li kien qed jaqra Andrea) Irrid naf x'qalu l-gurnali anke jekk naf li jkomplu jhaffruli l-ferita li ghandi f'qalbi; irrid inkun naf sa l-inqas kelma. (Jaqra waqt li l-gurnal jitrieghed f'idu)"Guvni idjota mill-irhula gie biex jigbet lejh il-poplu ta' Ruma" Viljakki! (Ikolpli jaqra) Nistaghgbu kif kumpanija hekk tajba bhal dik ta' Andriana waqghet biex tahdem dramm hekk tac-cajt"...Klieb!Viljakki!! Jahsbu li ser joqtluni bid -dispjacir, billi jaghtuni daqqa ta' stallett bhal din fuq dahri!(Jonfoh) Issa stess immur ghand l-editur. Irrid inkun naf min kiteb dan l-artiklu; min hareg dan il-velenu kontra tieghi; irrid niltaqa' mieghu wicc imb'wicc dan il-halliel li seraqli l-fama li tisthoqqli!(Imur biex jiehu l-kappell)

Andr. Bil-mod habib!X'tahseb li ser tiehu b'dan kollu? Tahseb li kapaci tiehu ragun. Ogghod zgur li jaqbdu jidhku f'wiccek malli jarawk u jghadduk ta' mignun.

Rik Ma jimpurtax! Inwaqqfilhom id-dahk f'minuta. Hallini mmur!Irrid inkellem ukoll l-Andriana.

Andr. Int qed tiggennen!!

Rik Hallini mmur... Thallinix ninsa li int habib tieghi...Forsi qed niggennen, iva, imma ma jimpurtax(Johrog jigri)

XENA IV

Andr (Ihares mnejn hareg Rikkardu, imbaghad jidhak ironikament) Wiehed gewwa!....Dan ga rrangajtu ghall-festi,,ha,ha,ha,,,..issa , naraw, sinjura Andriana, jekk qalbek ghadhiex mitlufa warajh. Issa l-alla falz tieghek kissirtulek u jiena zgur li jew jerga jitlaw mnejn gie jew ma jidhirx iktar quddiem in-niez . (Jergajqabbad sigarrett) Andriana ma reditx taf b'imhabbti u ggennet wara Rikkardu, iben ta' bidwi. Imma jien inqeghdhom it-tnejn ghall-festi t-tajba...(Jiehu l-kappell) Issa ghal ghand is-sinjura...niehu gost naraha tibki ftit nahseb li l-biki taghha jkun iktar interessanti.(Icempel il-bieb) Giet xi visita! Ha, Ha, Ha,! Tghidli qalbi gie xi wiehed minn dawk li ghandhom jiehdu minn ghandu.

Wigi (Jghaddi mill-ahhar kwinta biex imur jiftah ....jergghu icemplu)Gej, Gej!

Andr. Hares Wigi, jien ser nghaddi mill-bieb iz-zghir; ma niehux gost niltaqa ma nies li jdejquni.

Wigi Tajjeb Sinjur.

Andr. U inti serrah rasek ghax is-sur Rikkardu ma jdumx ma jhallsek... bil -flus li jaqla mit-teatru..ha,ha,ha..(Johrog mix-xellug)

XENA V

Wigi (Imur jiftah u wara ftit jitkellem minn barra) X'ghadkom bzonn?

Pawl (Minn barra) Inti s-seftur?

Wigi Iva, x'ghandek bzonn!,?

Pawl Irrid nara lit-tifel!

Wigi X'tifel hu?

Surm Dan missier is-sinjur tieghek!

Wigi Ghandi pjacir! La inti missieru ghaddi!

Pawl (Jidhol wara s-seftur u warajh is-surmast. liebes pulit u billi mdorri jilbes hafif, daqsxejn imfejjaq) M'ghidtlekx li stajna naqbdu u nidhlu!

Surm (Iiebes daqsxejn stramb)
Pawl (Minghajr ma jaf ghaliex inehhi l-kappell, Wigi jmur biex johodulu minn'idu) Ma jimpurtax tista ' thallih ghandi .(Lis-surmast) Ix-xjafek x'dar ghandu!!...
Surm Eh! mghallem Pawl, ma kontx nghidlek jien! Dawn djar sbieh, xitghid! Ibnek ser il-veru sunjur, propju ma jonqsu xejn.
Pawl Tant hu hekk li ilu ma jikteb xahar.
Surm Eh habib, l-ghorrief kollha hekk! Int ma tafx x'ifisser tkun gharef, awtur... ras kbira!!!
Pawl Eh, xi tghid surmast...temmen li tifel ta' bidwi jasal biex jikseb dan l-gherf kollu? Ghid il-veru, kont tissoponi li kollu johrog hekk bravu? Imma hej, li jghaddi xahar u ma jiktibx, hekk le! Imma malli jasal nigbidlu ftit widintu tafx!...mhux raguni din.
Surm U x'tighidlu widintu!!...anzi tieh zewg bewsiet kbar! U anke jien tafx! Mhux biex niftahar,...imma taf int, jien kont l-ewwel surmast tieghu... u taf int, l-istudent gharef huwa l-mera u l-glorja tas-surmast .. Dawn il kliem ghadhom stampati hawn, f'qalbi!
Pawl (Ihares 'l hawn u ' l hinn u jara r-ritratt ta' martu) Eh surmast, xejn ma nbidel tafx! ara r-ritratt t'ommu kemm baqa'jghozzu... dik kienet qaddisa!...Sewwa ghidtli taf li jixirqulu zewg bewsiet kbar...mela le! zewg bewsiet hekk ara...(Imur biex ibus lis-surmast u jara lil Wigi wieqaf ihares lejhom) Qed tissemma int hux tassew bhalma jaghmlu s-sefturi kollha...
Wigi Jien..la...
Pawl Milli qiegħed nara li iva.
Wigi Nassigurak.
Pawl Alla trux biex qieghed hemm u m'intix tisma'?
Wigi Nisma tajjeb hafna.
Pawl Mela qieghed ghassa maghna? Sa fejn naf jien hawn dar ibni! u jekk hu ibni...jien missieru (Jidhak) ha,ha,ha...xi tghid surmast?
Wigi Tikkmandawni xi haga?
Pawl Xi tridna nikkmandawk, mela hsibtna xi generali? Ahna rridu nistennew lit-tifel.
Wigi Mela sejjer(Ikun ser jitlaq)
Pawl Allura surmast...(lis-seftur) Isma . ejja daqsxejn! X'jismek int, haj?
Wigi Luigi!
Pawl Tajjeb Wig ...ghidli ftit kif inhu , Wig!
Wigi Min?
Pawl Tabba dak!!. it-tifel! Min tridu jkun? Ma nahsibx li gejt Ruma biex nara lilek!
Wigi Hu zgur!
Surm Mghallem Pawl, hallini nitkellem jien; jien nifhem iktar minnek f'dawn l-affarijiet.
Pawl Ma nahsibx li fiha x'tifhem billi nistaqsih kif inhu t-tifel; u fuq kollox nippretendi li nifhem daqshekk sa hawn. (Lil Wigi) Nista naf jekk hux tajjeb jew le.
Wigi Tajjeb.
Pawl M'ghidtlek!Jien ghidt li tajjeb! Almenu issa kuntent. Int veru fortunat li ghandek sinjur bhal dak!
Wigi Iva tassew ! Ippermettuli....
Pawl Bil-mod, kemm int mghaggel!Mela tajjeb ghal kollox hux hekk? Qatt ma kien marid?! Kuntent hux tassew? Ghax biex nghidlek qabel kien ftit delikat.. Qatt gie xi tabib fid-dar?...U s-soghla ...s-soghle telqitu jew ghadha fuqu?
Wigi Xi ftit dejjem iqahqah!
Pawl U iva, imma issa tghaddilu taf ghax hawn jien; zewg bewsiet kbar minn tieghi u jghaddilu kollox
Wigi Tippermettuli? ......(Johrog).

)-XENA VI.

Pawl Qed ahossni gha jien, surmast; dik l-imgharqa ta' ferrovija qatg. atni minn s qajja...Eh, surmast, min qatt kellu jghidli li kelli nigi Ruma?

Surm Jien dejjem ghidtlek: "Pawl it-tifel li ghandek ghad ikun ras kbira!" Mhux biex niftahar taf, imma jien li kont l-ewwel surmast tiegh, mill-ewwel indunajt li dak id-daqsxejn ta' tifel ghad jikber ferm fil-gherf...u li bhalu ftit thad ikun hawn. Ras li tassew jmxirqilha mhux monument wiehed imma mija!

Pawl Kellu bzorn ma jdumx ma jigi.

Surm Jigi, Jigi, mghallem Pawl, issa tara kif jigi .

Pawl U nohrog mieghu u nghidlu johodni t-teatru. Imma jien xih u ma nafx ingib ruhi sewwa, u mhabbi fija jaghmel figura kerha. Forsi jghidu "kif, dak il-guvni bin dak l-imlaqqat!"

Surm Hu zgur!

Pawl Kif hu zgur! Jien missieru jew le! Kieku ma kontx jien li tajtu l-flus ma kienx jigi hawn!

Surm Hu zgur , mghallem Pawl, imma ma tafx int?

Pawl He! Ghidli, ghidli.

Surm Meta bniedem isir hekk kbir, bhal Rikkardu, naturalment imur jiltaqa' mas-socjeta' bil-libsa sewda, ikun jaf igib ruhu sewwa...

u int ma tinqalax ghal dan il-pepe' kollu.

Pawl Xi trid tghid biha ma ninqalax!

Surm Nghidu ahna ma tafx titkellem bhalma jitkellmu s-sinjuri....u wara kollox taghmel dawk l-inkini....tiehu b'idejn in-nies... insomma u elf haga ohra.

Pawl ... Rikkardu jkun mieghi u jghidli x'ghandi naghmel u nghid. Kemm inhobbu, surmast! Qabel tlaqt surmast, aqta' x'qalli Guzeppi Qalli:"Issa tara kemm ser jifrah bik!" Jibda jisthi jghid li int missieru...Hu liebes kollu gala u int b'dak it-trasport ta' zarbun . Ara x'ghandu x'jaqsam! Wara kollox hu t-tifel tieghi.

Surm Iva imma....imma....

Pawl Imma ..? X'ixjed? Kompli, kompli.. Wahillek ilsiened? Naf minn dejjem li ilsienek twil iktar minnek....Qed nghidlek biex niccajta taf, ghax allahares ma kontx int ghalija, kieku zgur li ma wasaltx sa hawn.

Surm U iva kienet twasslek il-ferrovija...wara kollox mhux jien erfajtek!

Pawl Hu zgur li kienet twasslni l-ferrovija...Insomma issa jigi Rikkardu .....zewg bewsiet kbar...imbaghad immorru nieklu ghax hej ghan l gu klubi..Hares, illum nieklu ta' sinjuri , tafx! Inxarr-buha ukoll biex nallegraw irwiehna.... Imma kemm se jdum ma jigi!? Issa nsejjah lil dak is-seftur biex nistaqsieh fejn mar.

Surm Issa jigi...jasal, mghallem Pawl, jasal. Milli qieghed nara l-ferh nehhielek l-pacenzja. Sewwa taghmel taf!

Pawl Hu zgur !Hekk jonqos ukoll!!

Surm Issa Rikkardu fetah gwinhajh u min jaf kemm ghad irid itir!itir! 'l fuq.

Pawl Oqghod zgur li joghla kemm joghla fl-ahhar jerga jigi f'dirghin missieru u jieqaf fuq qalbu....Miskin kemm hu delikat... Imma issa ra ... isi b'sahhtu daqs huh Guzeppi!...U xi nghidu ghall-gheri tieghu. In-nies jibdew jghidu: "Ara t-tifel ta' mghallem Pawl kemm sar bravu, jaf iktar mit-tabib u mill-kappillan tar-rahal!!Xi tghid surmast?

Surm Anqas paragun ma hemm! Skrittur , awtur bhal dak, poeta...xi trid thallat mat-tabib u mal-kappillan. Marridx nghid li dawn m'humiex brabi taf, imma kemm ghad baqalhom jorqdu fuq kotba biex jilhqu daqsu!?

Pawl Insomma, iddejjaqt nistenna!Jien gejt biex nara t-tifel u....
Surm U tarah!
Pawl Imma jekk ma jigix?
Surm Jigi qed nghidlek!
Pawl Jigi....hlief jigi ma tafx tghid!
Surm Xi tridni nghidlek iktar?
Pawl Immorru nfittxuh mala nibqghu hawn qisna zewg capsiet.
Surm Mela hawn hsibtu r-rahal taghna....zewg toroq u erbat idjar?
Pawl Bil fors li qieghed x' imkien!
Surm Dan zgur li qieghed x'imkien !Imma Ruma ghadek ma tafx daqshiex inhi. Ma hsibthiex ir-rahal taghna hux!
Pawl Insomma hawn dar ibni u ghandi d-dritt inkun naf fejn hu. Issa nsejjah lil...x'jismu...insomma lil dak il-bicca ......
Surm Seftur.
Pawl Insomma s-seftur. (Imur fil-bieb tan-fond u jghajjat)Eh..guvnott.. seftur ...Issa naraw jekk jigix fuq kollox . Hu zgur jaf fejn mar ibni!

## XENA VII

Wigi (Jidhol)X'tikkmanda, sinjur!
Pawl Is-sinjur qallek fejn hu sejjer?
Wigi Is-sinjur?
Pawl Iva, mela min?!
Wigi Ma nafx!
Pawl (Jirrabja)Sabiha din!....U mita gej lura?
Wigi Ma nafx!
Pawl Mur ghand ix-xjaten!Ghidli haga int ma taf xejn jawaw! Allura ghalfejn qed ihallsek jekk anqas taf fejn hu u x'hin ser jigi!!
Surm Ara, ghalliem Pawl....
Pawl Oqghod kwiet int!Jien missieru u bizzejjed
Wigi (Isellem)Skuzawni (Jaghmel biex jitlaq)
Pawl Ara ma niskuzak xejn!Irrid naf fejn hu ibni u x'hin gej!
Wigi Ma nafx, sinjur.
Pawl Jehtieg nistennewh.(Jehrog Wigi) Ara x'talpa dan; u jien jien ghandi tant hegga biex narah...Eh, ghaziz surmast, int taf hafna skola u jien injurant kwalunkwe, anqas biss naqra ma naf...Imma fuq kollox jien missèr u int m'intix,. Taf x'ifisser tkun missier? Ifisser li jkollok qalb li taf thobb...ikollox qalb dawshekk... u meta jkollok qalb daqshekk ifisser li tkun taf iktar minn professur.

## XENA VIII

Rik (Jidhol bil-girja u bla nifs ) Wigi ! Wigi!
Pawl (Idur malajr, ihares, jaghraf lit-tifel u bla ma jqum) Rikkardu!!!
Rik (Jisma' l-vuci, ihares mitluf, skantat b'dak il-wicc ta' katavru)
Pawl Ibni Rikkardu!!!
Rik Pa.Pa, int gejt hawn.!?(Imur jibku fi hdan u)Missier! (Taqbdu soghla qawwija)
Pawl (Jikkarezzah) Qed tibki , Rikkardu!Imma qed tibki bil-ferh , hux tassew? Qed tibki ghax qatt ma hsibt li x-xwejjah missierek kien ser jasal biex jigi jarak anke go Ruma, hux tassew? Ahna qatt ma nsejnik, Rikkardu...ta kull jum nahsbu fik...il-klien taghna kien dejjem fuqek...
Rik (Jerfa 'rasu u jhares lejn missieru)imbaghad jaqa' fuq siggu jonfoq) Naf pa...naf tajjeb....
Pawl Issa hallik mill-biki! Irrid narak ferhan u fuq tieghek. Ara anke s-surmast gie jarak!
Rik Anke int surmast?!

Surm. (Li kien baqa' mwarrab...issajersaq)Hu zgur li anke jien - Ghaliex le ? Anke jien qabel immut xtawt li nkun wiehed minn tal-ewwel biex narak! L-ewwel missierek imbaghad jien...li nigi wara missierek... jien li tajtek l-ewwel hobz tax-xjenza....

Pawl Issa togghodx taghmillu l-pridka tas-soltu.

Surm Xi pridka, pridka ....dan ghadu l-preludju...id-diskors isir mita.... mita...insomma jien naf meta naghmlu. Mela kont qed nghid...(Lil Pawlu li jipprova jinterrompih) Iva hallini nghid...Jien naf kif ghandi.nitkellem...Mela kont qed nghidlek..ridt inkun wiehed minn tal-ewwel biex narak....

Rik Qed tara bniedem umiljat, surmast!

Surm Mhux bniedem umiljat, le ,hallik mill-umilta' ...bniedem kbir.. gharef...infahhar...

Rik Le, surmast!M'inhiex hlief ghasfur li malli bdejt biex nittajjar fil-gholi sparawli fuq il-gwienah u kisruhomli u b'hekk ma nista qatt nerga nittajjar...qatt iktar ...(Jisghol)Tara sahhti spiccat..u anke qalbi marida ...imbikkija... ghalija spicca kollox...

Pawl Tibzax Rikkardu..tfieq..tfieq.Terga tigi lura fir-rahal, fid-dar taghna qalb ir-raba' bhal qabel, u terga tiehu sahhtek bhal qabel u tkompli l-karriera tieghek.

Surm U tikteb grajjiet ohra,opri li jibqghu jissemmew mad-dinja. Tohloqhom hemm fis-skiet u fid-dell tad-dwieli imbaghad terga tigi hawn biex bihom tghaggeb id-dinja....

Rik Le pa!Le surmast! Jien spiccajt.. qatluni..ghmluni katavru. Ruma bi hgara qamet kontra tieghi.

Surm Eh, hekk mhux sewwa!

Rik Emmnuni nhossni tant debboli, tant bezzieghi li m'ghandix forza nerga nigi qalb l-gholjiet ta' pajjizi, inhoss li bill jarawni jistmawni ta' barrani...nerga lura lejn pajjizi ghaliex ghamilt fjask...ghaliex m'iniex kapaci nkompli nohodha kontra l-eghdewwa tieghi.. .nerga nidhol f'darek.pa, fejn kollox ifakkarni u jizdli r-rimorsi... fejn.....

Pawl Fejn hemm ommok qeghda tistenniek biex tfarrgek u twarrablek in-niket kollu.

Rik Ommi, ommi! Anke hi kienet tibki mieghi kieku kienet ghadha hajja.

Pawl U ssejjahlek b'dak il-lehen helu taghha ...b'dak il-kliem ta' qaddisa u ttaffilek id-dulur kollu li sofrejt. Qed tibki, ibni u jien ma nafx ghaliex...imma d-dulur tieghek inhossu...inhossukollu hawn f'qalbi bhalli kieku kien tieghi.(JIBKI)

Surm Ara daqsxejn, issa ser tibku t-tnejn qiskom zewg trabi! Rikkardu, ghalfejn qed tibki? Jekk thossok ma tiflahx tibza xejn ma ddumx ma tfieq .

Rik Le surmast, il-ferita dahlet il-gewwa wisq u ma tfieq b'xejn kif ma nistax infieq minn din il-marda li ghandi. Inhossni spiccajt ghal kollox (Jinstema cempila)X'wahda din...il-professur!

Surm Il-professur? (Wigi johrog jiftah)

Rik (Iqum bil-wieqfa)Dak il-kelb ...faccol!

Surm X'inhu?... Min?...

Andr (Jidhol dritt dritt) Sahha Rikkardu!(Jara lill-ohrajn) Skuzi ma rridx infixkilkom.

Pawl Le,le ma tfixkilnix b'hekk.

Surm Ma tarax...

Rik (Jersaq lejh) Ghaddi, ghaddi!

Andr Intom gejtu hawn, Ruma?

Rik Iva gew jarawni. B'daqshekk?

Andr Anke jien ghaddejt narak.

Rik Biex tara moribond, hux tassew?

Andr U isa Rikkardu..Mghallem Pawl, ghamillu ftit kuragg,

Rik Biex nghidlek mort ghand l-editur tal-gazzetta!.

Andr Eh iva! U x' qallek?

Rik Xejn ...Il-viljakk ma jridx juri ismu.
Andr Naturalment....!
Rik Imma sirt naf ismu xorta wahda.
Andr Eh? tafu?
Rik Iva, sirt naf b'kumbinazzjoni.
Andr Iva...Min hu?
Rik (Bir-rabja) Viljakk! Kelb li ma jisthoqqlikx hlief zebliegh...li ma jixrawlekx ghajr min jobzoqlok f' wiccek
Andr (xott xott) M'inhix nifhem.
Rikk M'intix tifhem hux! Kun ragel u nehhi l-maskra tal-vilta' li qieghda tiksi dak il-wicc faccol.
Andr (Bhal fuq) Qed thewden! ...Nikkumpatik ghax ghandek ragun.
Rik Attent Andrea...jiena debboli ..marid..imma ghad ghandi forza bizzejjed biex nigref u gwajj ghalik jekk taqa' taht id-dwiefer horox tieghi.
Andr Insomma jekk int marid mur ghand tabib ghall-kura , u jekk int nervus itlaw ghall-grja qalb ir-raba' ta' pajjixek, imma lili hallini fil-paci.
Pawl X'gara Rikkardu? Ma nista nifhem xejn!
Rik Oqghod pa, hallih, Din kwistjoni li jehtieg nirrangaw bejnietna.
Andr Kustjoni li ma nistax nindahal jien.
Rik Hu zgur !Int m'ghandekx x'taqsam...l-artiklu mhum tieghek!!
Andr Le, mhux tieghi!
Rik Imma almenu tigdibx; la kont kapaci tiktbu kun darba one t u ghid il-verita'. Taghmilx bhal dawk il -briganti li jinhbew taht il-maskra tal-ipokrisija"
Andr Isma , issa qed iddejjaqni b'dan l-esterizmu tieghek; jekk m'intix kapaci tghid itlaq u thallix min jarak iktar. X'tahseb li int, ghidli haga!Ma hsibtx li sirt xi haga kbira, hux? Jaqaw hsibt li ser iggennen Ruma! Hallas lis-seftur tieghek l-ewwel , u jekk m'intix kapaci thallsu ibghatu, habib,ha,ha,ha...buona sera!(Ikun hiereg)
Rik (Izommu bil-vjolenza) Tahseb li ser inhallik hekk bid-dahka wara li ttradejtni minn wara spallejja!...Sejjer zball,fhimt...Ghajjartni mignun...jista jkun...imma oqghod attent ghax l-imgienen jistghu ikunu perikoluzi ...Attent...
Andr Ghadek tifel biex tbezzaghni.
Rik Ma tibzax ...isa oqghod attent ghaliex nimbullak bhalma jimbullaw l-ghar habsi u qattiel...(Akkurat)Imma x'ghamiltlek jien?! Ghaliex l-ewwel hajjartni u heggigtni u issa int stess qed taghmel minn kollox biex toqtolni?(Ma jiflahx ghall-inkwiet u jaqa' fuq siggu jolfoq)
Andr. M'ghandekx ghalfejn noqghod iktar ..kieku ma kontx ghadek tifel kont nitlob sudisfazzjon, imma lilek..ha,ha,ha...Iva, jien ktiebtu l-artiklu, u b'daqshekk?Hsibt b'hekk li ser tigbet l-imhabba ta' Andriana lejk, Rahhal mizerabbli!!..Mur erga ahdem fl-elieqi..mur erga ahdem ma huk.Ha,ha,ha.
Pawl Isma' t-tifel qieghed jibku, imma kun af li hawn jien ukoll. Jien sur professur ma nafx x'ghamilt lit-tifel imma qieghed nara t-tifel jibki mhabba fik. Jien irqajtek go dari..imma attent.. ghaliex il-missier li jkunu missewl lit-tifle jista' jsir iljun feroci....
Andr. U jinghalaq go l-gageg;
Pawl Le (Bir-rabja) U jaghmel dak li ma ghamilx ibnu..jogtlok bhalma jogtlu bhima feroci ..tifhem!!!!(B'rabja kbira) U issa itlaq..Jien bilwi, fqajjar,,imma nkeccik 'l barra u nobzoqlok f'wiccek; ghalik m'ghandix hlief disprezz. Barra!!
Andr.Nista nahseb!
Pawl Barra qed nghidlek! Anqas biss irrid nisma lehnek f'din id-dar.
Andr. (Irrid jitkellem imma ta t il-harsa ta' Pawlu jibqa hiereg bil-mod il-mod.

XENA X.

(Ix-xena harxa halliet sinjal ta' tqanqil fuq wicc kulh dd. Rikkardu mrekken u jisghol. Pawlu ghadu jhares bir-rabja lejn il-bieb li minnu hareg Andrea. Is-surmast imhawwad f'rokna tal-palk.)

Pawl (Minghajr ma jitkellem jersaw lejn ibnu li jkun jisghol u jmellislu xaghru. Pawsa twila fejn ma jinstema xejn hlief l-ilfieq ta' Rikkardu. F'daqqa mit-triq tinstema vuci cara tkanta akkumpanjata minn kitarri:

Qalb l-gholjiet taghna
Nergghu immorru
Bil-kwiet ta' qabel
Hemm nitpaxxew.
Inti tkantalna
Il-ghana tiethek
Ahna fl-eghliegi
Bir-xoghol nhedew.

Rik (Jisma l-vuci ...jerfa bil-mod il-mod il-wicc sfajjar tieghu, ihoss bhal tqanqil f'qalbu; idur lejn missieru li jkun wieqaf b'rasu baxxa qisu qed jitlob f'qalbu...imbaghad ihares lejn ir-ritratt t'ommu.)Missier, missier! erga hudni mieghek lejn dak id-daqsxejn ta' gorbog; qalb l-gholjiet taghna ghal dejjem!!(Il-muzika tkompli waqt li bil-qajla jintaghlaq is-separju.)

## IT-TIELET ATT

L-istess xena tal-ewwel att. Il-mejda fil-gemb. Faccata putruna lil fuqha jmut Rikkardu.

### XENA I

Rik (Isfar, mixhut fuq il-pultruna, idejh sofar lellux mixhuta fuq il-gemb tal-pultruna... bla sahha. Pawlu bilqeghda vicin il-mejda ghajnejh fissi fil-vojt. Jinstemghu l-qniepen tal-knisja Rikkardu jinstembah bil-mod). Il-bart....

Pawlu (Jinhasel...ihares lejn it-tifel) Qed thoss il-bart, Rikkardu?

Rik Ftit pa! (Jitbissem) Qed idoqqu l-qniepen ghal xi festa, pa?

Pawlu (Jqum) Illum festa kbira, Rikkardu; il-festa tal-Ghid il-Kbir! Ma tiftakarx, ibni?

Rik Sewwa...il-Ghid ... hemm xi ftit xemx barra, pa?

Pawlu Hafna Rikkardu. Xemx t'April...il-kampanja hadra kollha us-sema kahlani.

Rik Qed inhoss il-bart, pa!

Pawlu Stenna ftit, ibni, halli npoggilek dil-gverta fuqsaqajk...jew tridx tohrog ftit ghax-xemx?

Rik Ma ghandix aptit, pa, inhossni debboli hafna...anqas niflaq nerfa rasi.....

Pawlu (Jipprova jallegra lit-tifel) Il-lum l-Ghid, Rikkardu. Il-lum terga tqum ... anke int ghad tqum ibni, terga terga lura sahhtek....iktar minn qabel. Hares lejja Rikkardu....Ahjar tidher ahjar minn qabel. Ghajnejk aktar cari mis-soltu... Ma ddumx ma terga tiehu sahhtek, ibni!

Rik (Iharess lejn missieru) Kemm bjad xaghrek pa...qiesu hajt tal-fidda bhalma kien ta' ommi meta mieter....imsejkna ommi! (Jibki)

Pawlu Isa Kuragg, hallik mill-biki....ommok qeghda hemm fuq titlob ghalik....kierek thobbok hafna. (Jipprova jallegrah) Imbghad fuq kollox kif tridni ta' hamsa u sittin sena jkolli xaghri bhal tieghek? Xi darba kien iswed u nnukklat...imbaghad ftit ftit beda jigi ghal l-abjad.

Rik Imsejken missieri!.... Fejn hu hija Guzeppi, pa?

Pawlu Ftit ilu hareg; minn mindu ser jizzewweg sar qisu poeta... jahseb dejjem forsi mar sa ghand l-gharusa. Jekk kollox jibqa sejjer sewwa jizzewgu f'hal-l-ahhar xahar.

Rik Nittama li jkun felici.

Pawlu M'ghandux ghax le! Ghandu tifla tajba u hu, bhalma taf int, l-ahjar guvni fir-rahal taghna, kemm fix-xoghol kif ukoll fil-volonta

Rik — Naf li Guzeppi tifel tajjeb.... hafirli hafna azzjonijiet li ghamiltlu u nsiehom ghal kollox....kultant pa, inhares minghajr ma jkun jistenna u narah b'dik il-harsa ta' mhabba...ta' sincerita. ...harsa ta qsim il-qalb ghax jarani hekk marradi... inhossni, pa, li ma jisthoqqlix li ghandu jhobbni daqshekk....x'qalb nobbli!

XENA II

Mill-fod jitfacca rasu s-surmast, ihares qabel jidhol li ma jmurx jiddisturbah.

Pawlu — Rikkardu, huk Guzeppi minn dejjem kien inhobbok. Mita tlaqt lejn Ruma mhux l-ewwel darba li rajtlu d-dmugh f'ghajnejh. (Is-surmast jidhol biex juri li qieghed hemm)

Rik — Imsejken Guzeppi, min jaf kemm il-darba ksirtlu qalbu, min jaf kemm gieghltu jsofri.....

Pawlu — (Jinduna li hemm xi hadd, idur u jhares lejn is-surmast) Ara, ghaddi ghaddi surmast; ahna niehdu gost narawk hawnhekk tafx!

Surm — Kif kont ghaddej minn hawn biex immur sal-knisja hadt l-okkazjoni biex nghaddi nsellmilkom. X'ghandna, Rikk.,kif thossok? Tajjeb hux?

Rik — Hazin, surmast, hazin!

Surm — U hallik mill-hmerijiet! Toqghodx tghaggibha....

Rik — Jien naf x'jien inhoss!.....

Surm — Imma llum tidher li ahjar.

Rik — Nidher ahjar... u b'dan kollu ma niflahx niccaqlaq.

Surm — Eh, Dawn kollha effetti tad-debbulizza... tibza xejn issa qeghdin fir-Rebbiegha u kollox jerga jiehu l-hajja. Nixtieqek tara l-genna u l-eghlieqi, Rikkardu, kif huma mimlijien bil-hdura ul-ward.

Rik — Nixtieq nista nohrog narahom.

Pawlu — Jekk trid nohorguk ftit; surmast nehhilu ftit mid-dwejjaq li ghandu ..., dahhqu daqsxejn!

Surm — Indahhku? Imma ghidli xi tridni naghmel biex jidhak. Naqbad nisfen? .....hekk? (Jaqbez zewg qabziet)

Rik — (Jitbissem) Tajjeb surmast, issa ser tghallimni nizfen ukoll.

Surm — Ghalik? Ghalik, mahbub Rikkardu naghmel kollox basta narak ferhan. issa nixtri orgni tal halq u nibda nigi ndoqqlok... u nizfen.

Pawlu — (Jidhaq) He! He! He! Surmast izeffen ors! Nixtieq narak tassew! Ha ngiblek qatra minn dak l-imbid surmast. Minn dak li jisbogh it-tazzi.

Surm — Le grazzi, grazzi tassew!

Pawlu — Illum l-Ghid...l-Ghid il-Kbir u billi niehdu qatra ma naghmlu xejn hazin. (IMur iferrah)(Johrog)

Surm Hallih, imghallem Pawl.

Rik Hu surmast hu! hallik mill-kumplimenti! Allura xi nghidu, surmast?

Surm Ghadu ma wasallix dak l-imbierek ta' gurnal. Ara, Rikkardu, nhossni tant ferhan li ma nistax nahbiha aktar. L-opra tieghek regghet inhadmet Milan. Qieghed nistenna l-gurnal biex nara kif marret is-serata. Emminni qieghed fuq ix-xwiek biex nara r-rizultat; ghandi mitt sena biex nghid lil missierek.

Rik Le, surmast, tghidlux ghal issa hi ma tohrogx xi fjask bhalma gara f'Ruma .

Surm U xi fjask, fjask; vittorja, vittorja kompleta. Jiena dejjem ghidt li dak ix-xoghol ghad ikunlek renta sabiha. Bizzejjed taqra t-titlu taghha. Xi gmiel. Thossok tinqata mid-dinja! Emminni, Rikkardu, nhoss li dak il-professur huwa mimli mibeghda lejk, mimli ghira. Imma oqghod zgur li b'mod jew iehor ghad jissewwa d-deni li jkun ghamel,

Rik Min il-professur?

Surm Iva....hu; ghad irid ihallas ta kollox; min jaghmel id-deni jistenna l-kastig tieghu....ikun umiljat.

Rik (Fil-hegga) Int taf xi haga, surmast! Xi haga li qieghed tahbili!

Surm Min jien?...jien ma naf xejn...x'irrid inkun naf jien?

Pawlu (Jidhol bi flixkun f'idu) Hawn hu surmast; dan daqsxejn imbid taqghad fuq id-dufrejn. Nohrog flixkun darba kultant f'xi okkazjoni kbira... u rrid li tixrob bis-sahha ta Rikkardu. Trid daqsxejn Rikkardu?

Rik Le, pa, m'ghandix aptit.

Pawlu (Igib zewg tazzi u jimla) Imbid tal-festi kbar. Baqaghli ftit flixken u dalwaqt naqtghulhom rashom fit-tieg ta' Guzeppi..U nghid li nixorbuhom. Anke int Rikkardu tixrob xarba maghna.

Surm Ghamilt tajjeb li gibt imbid mill-ahjar.

Pawlu Hu zgur, mela le.

Surm Illum festa mill-kbar.

Pawlu Illum nixorbu bis-sahha ta Rikkardu

Surmast Illum fest kbira, mghallem Pawl.

Pawlu Xi trid tghid biha, ga ghidtli darbtejn?

Rik Le surmast tghid xejn!

Pawlu Kif, din xi haga li jien m'ghandix inkun naf?

Rik Xejn pa!

Pawl Kif xejn?

Surm Se nghidlu jien taf! ...se nghidlu...

Pawlu Il-krafes kemm se ggibuha fit-tul. Mela x'inhi din l-ahbar li se tghiduli?

Surm (Ihares lejn Rikkardu li jkun jaghmillu s-sinjal biex ma jghid xejn) Se nghid!!

Pawlu Se tghidli jew m'intix! Issa qanqaltuli l-kurzita lili wkoll.

Surm Se nghid...se nghid anke jekk ma jridx hu. Illum Pawl hija okkazjoni kbira. Il-bierah filghaxija saret l-opra ta Rikkardu fit-teatru.

Pawlu (Tibqa jhares miblugh)

Surm Iva gharluha fit-teatru ta' Milan, u qeghdin nistennew il-gurnal biex naraw kif marret. Tkun Vittorja kbira. Mghallem Pawl... vittorja fhimt!! Jien dejjem ghidt li dak kapulavur.

Pawlu A lura tassew, Rikkardu?

Surm Lejkla regghet fetlet gwinhajha u min jaf sa fejn ser tibqa tittajjar issa.

Rik Eh ftit baqaghli x'nittajjar issa!!

Pawlu Sahhan nissieqek, Rikkardu. Imma kemm se jdum ma jigi dan l-imgharaq tal-gurnal. Mala li jasal naghmlu festa. Illum tkun wahda mill-ikbar. Surmast mur stieden lill-kappillan u lit-tabib tar-rahal u nghidu wkoll lil Guzeppi biex igib l-gharusa wkoll il-lejla. Ejja nehdu tazza ohra, surmast.

Surm Issa le; wara, wara iva. Issa ghad irrid immur indoqq l-orgni, li ma nurx flok indoqq il-vespri nibda ndoqq xi kanzunetta moderna ha, ha, ha, (Rikkardu jidhaq bil-mod)

XENA III

Guzeppi (Jidhol mill-bieb tal-fond alleggru) Kuntenti lkoll hux hekk! Anke jien kuntent wkoll. Buona sera surmast. Mela llum mhux sejjer iddoqq l-orgni?

Surm Hu zgur li se ndoqq! Imma ghadu daqsxejn il-hin. Guz qed nipprepara bicca gdida, arja li qatt ma smajtha f'ghomrok. U tkun hemm anke int tafx meta ndoqqha.

Guz U mita se ddoqqha surmast?

Surm Qed nistenna hlejja wahda. Din tkun li nara l-Guzeppi gharkubtejh f'riglen l-artal...malli nisma dik is-signur si nibda nattakka....

Guz Nispera li ma ddumx (Jersaq lejn Rikkardu) Kif thossok Rikkardu? Issa ahjar hux tassew? Isma Rikkardu, ahna lilek qed nistennew taf, biex nisimghu il-bicca muzka tas-surmast. Qed nistennew li tkun tajjeb int.

Surm    H zgu ghax fuq il-gurnal isibu kollox. Emminni, mghallem Pawl, qisni ga qed nara stampati b'ittri kbar dawn il-kliem 'Success kolossali'. Il-guvni awtur ecc. ecc..xoghol originali ecc.. Insomma tifhir mill-ikbar.

Pawl    Mela miftehmin. Il-lejla wara l-knisja naghmlu festa.

Surm    Pero' hemm hag'ohra taf (Jitkellem bil-mod) Dak il-professur, dak il-kelb li kien hawn is-sena l-ohra, qrajt fil-gurnal li qatel lil dik is-sinjurina li kienet hawn mieghu.

Pawlu    Santa Marija!!

Surm    U issa l-pulizija qeghda tfittxu ma'kullimkien ghax harab.

Rik    Xi ajtu tgergru intom it-tnejn?

Pawlu    Ain ma qhidlu xejn surmast.

Surm    Ingergru? Mela ahna qeghdin ingergru?

Guz    X'ara, ingala xi haga gdida?

Surm    Le le, konna qed nitkellmu ftit.

Pawlu    Konna qed niftehmu fuq il-festa tal-lejla. Il-lejla naghmlu festa ... Tkun il-festa ta' Rikkardu. (Tokki ta qniepen).

Surm    X'ahda in, bdew il-vespri u jien ghadni hawn. U l-orgni m'hemmx min idoqqu! Se immur malajr... intom gejjen?

Guz    Jien gej surmast. Sahha Rikkardu... int gej hux pa?

Pawlu    Ghadni ma nafx, forsi nigi iktar tard.

Surm    Kuragg Rikkardu... malli johrog il-gurnal ingibulek... morna Guzeppi! Arrivederci mghallem Pawlu.

Rik    Ti sinix surmast!

Pawl    Ha li min jarak, surmast. (Is-surmast johrog)

XENA IV

Rik    In mhux gejjen pa?

Pawlu    Allura nhallik wahdek

Rik    Jekk int mhabba fija ma jimpurtax mur.

Pawlu    Ommok kull sena kienet tmur.

Rik    Mur pa, mur int ukoll

Pawlu    Tahseb li ma jkollok bzonn ta xejn?

Rik    Xi tridu jkolli bzonn? Noqghod hawn inzomm kumpanija l-ommi (Juri r-ritratt) Halli l-bieb miftuh pa.

Pawlu Imma....

Rik Mur, mur pa! Naf li tiehu gost tmur sal-knisja.

Pawlu U int ma tiehu gost.....?

Rik Iva anke jien nixtieq....u malli mkun f'sahhti nibda nigi mieghek .. nibda mmur kuljum bhal ma tmur int u bhalma kienet tmur l-ghaziza ommi.

Pawlu (Jersaq lejn it-tifel....jikkarezzah wara jaqbadlu rasu malajr u jbusu) Hekk, hekk kienet tbusek ommok mita kont zghir...(IMUR) Sahha Rikkardu; dalwaqt inkun hawn.

Rik Berikni pa, sahha!

Pawlu Tkun imbierek ibni (Jitlaq)

XENA V

Nik (Jibqa sieket wahdu gisu qed jara vizjoni fil-boghod) Xi frisk, Alla tieghi.... Ma, ma....ghaliex m'ghadekx tigi zzieghel bija, tbusni bhalma kont taghmel darba....bewsa minn tieghek tkun bizzejjed biex tinzilli bhala balzmu fil-qalb tieghi, terga taghti hajja l-qalbi mnikkta. Ma...qeghda tismaghni, hux tassew? Qed thares mis-sema u tghajjatli... qed nisma lehnek...kompli sejjahli ma... qed inhoss l-ghatx ta mhabbtek. Kemm hu helu dak il-lehen tieghek... Missieri u hija Guzeppi qeghdin il-knisja jitolbu...naf li qed jitolbu ghalija.....Insew li kont tlaqt u hallejthom.... hafruli ghaliex ihobbuni..... O Alla tieghi.... aghmel li jien nitlob ghalihom ukoll....hallini nisma l-lehen tieghek... aghtini d-dawl... (Tnehida) Inhossni ghajjien, ma niflahx aktar, bla sahha ghal kollox....Ommi l-ghaziza sejjahli fi hdanek... Ejja u hudni mieghek...busni...ma.. busni...(Ftit ftit imil rasu fuq spalltu u jibqa hekk).

XENA VI

(Mill-bieb tal-fond jidhol Andrea, il-professur, mibdul ghal kollox ghadu liebes tajjeb imma mahmug, bla kappel, xaghru mhabbel, ghajnejh imberrqa u jhares mill lugh gisu mignun. Jibqa fil-bieb u jhares gewwa il-bidu tal-genn...lehnu fgat. Jghid bil-mod) Ma tbiddel xejn...kollox bhalma hallejt sena ilu... Minn hemm rieqed hemm? (Jersaq Imbazza) Rikkardu! Mhux bhali mcappas bid-demm!!

Rik (Gisu qed johlom) Ma....Ma....

Andrea (Mwarrab) Qed isejjah l-ommu... Xi tkexkix ta' biza qed inhoss ghaddej fuqi....Ommu mejta ukoll...xi tfisser tkun mejtet!

Rik (Jerfa rasu bil-mod il-mod u jibqa jhares lejn fiss)

Andrea Rikkardu

Rik Min int?... Xi trid?

And Tbiddilt hafna hux tassew?

Rik Int mhux biss ksirtli l-gwiehah ta dak l-ideal li kelli f'rasi imma ferejtli wkoll lil qalbi, ghamiltli ferita li ebda tabib ma jista jfeaqqni minnha.

And (Bil-bizgha) Iqaf, Rikkardu, iqaf nitolbok; se tkompli ggenninni il-vendetta tieghek bassew qed nistkerraghha.

Rik Jien m'inhiex se nivvendika ruhi...anqas kieku rrid ma nista ghax anqas sahha ma hallejtli..

And Le, id-destin li qed jivvendika ruhu minni...Id-driegh t'Alla li qed jaghtini dak li jisthoqqli.

Rik Il-ferita tieghe ma tfiqx....forsi siegha ohra...forsi gurnata u imbghad nispicca...nisfar ghal kollox.... nifsi jinqata... u f'dan il-waqt il-Bambin Gesu jkollu hniena minni. Kemm hi haga tabiki tkun taf li wasalt u m'hemmx ebda tama ta fejqan...ebda tama ta farag ghal qalbek immnikta...tghix f'dawn it-torturi li jifnu l-qalb, bhal skieken bil-ponot li jqattghu u jcartu.

And Kemmhu ikrah ir-rimors, Rikkardu!

Rik Int! Int qed thoss ir-rimors tal-kuzjenza?

And Jekk inhiex inhossu. Ir-rimors ul-bizgha. Nara dejjem quddiemi dak il-gelgul ta demm, ahmar, hiereg minn dik il-ferita...anke int ghandek dak id-demm hiereg...bhal nixxija li qed tgelgel minn xi drek ferut. Qeghda ttajjar ir-raxx ghal fuq wicci...ghal fuq idejja. Hares, hares lejn idejja homor bid-demm tad-delitt li ghamilt. Hares lejn idejja! Minn kull fejn nghaddi ma nhallix hlief qtar tad-demm. Bizejjed timxi wara l-qtar biex tkun taf fejn jien mistohbi. Hawn, ara s-sinjal minn fejn ghaddejt. Ha, ha, ha!!

Rik Andrea! Andrea! Int qed tiggennen. Jien m'ghandix demm fuq idejja u anqas int ma ghandek fuq idejk u fuq wiccek.

And (Tidhaq) Ha, ha, ha!!

Rik Imma x'ghamilt?

And Qed tisma! Gejjin biex jaqbduni...tismaghhom...is-sinjal tad-demm li hallejt warajjat wassalhom sa hawn. Ha, ha, ha. (F'daqqa jinstemghu il-qniepen, il-benedizzjoni. Andrea jibqa miblugh, imbazza. Rikkardu jisma', jrodd is-salib imbaghad jitbissem)

Rik Qeghdin hemm jitolbu (Pawsa) Sinjur, sinjur Alla tieghi. Inzel fija wkoll...aghtini l-paci ta ruhi...il-paci li ma sibtx f'din id-dinja...aghtini f'dirghajn ommi, O Alla tieghi. Andrea mur ghax wasal biex jigi missieri ahjar ma jarawkx li ma jmorrux jizbaljaw huma wkoll..

And Ara, ara dik ix-xmara tad-demm....taf min mnejn hierga? Minn qalb Adriana....ghadek tiftakarha l-Adriana?

Rik Mur, mur.

And Qed taraha? Adriana mejta....ma tidietx tinsiek... u qtilta jien tal li qtilta ....ha, ha, ha.

Rik (Iqum malajr) Int qtilt l-Adriana!!

And Qed ifittxuni u dalwaqt ikun f'idejhom!

Rik (Johrog idu bil-werrej u b'ghajta fgata) Inti qtiltha?? Int (Ma jiflahx iktar u jaqa fJdaqqa fuq il-pultruna b'roghda kbira)

And Hemm...hemm ara fejn qeghda...ara kemm ghandha demm!! Anqas irrid inhares lejha...qieghed ibezzghani...ismaghhom gejjin ghalija. Ha, ha, ha,.

Rik (Nifsu maqtugh kolpi ta xrieraq; jipprova jdawwar rasu lejn ir-ritratt t'ommu u m'ghandux forza; ihossu qed jifga. Jipprova jsejjah l-ghajnuna..il-vuci kemm kemm tinstema) Ma ma (Johrog idejh lejn ommu bil-mod u jergghu jaqawlu....ghajnejh jibdew nizlin... imut)

XENA VII

(Pawsa twila...kwiet....imbaghad mill bieb tal-fond jidhlu s-surmast bil-gurnal.... Pawlu u Guzeppi allegri)

Surm Vittorja, Rikkardu...sucess mill-kbar...(Iferfer il-gurnal)

Guz Bil mod tghajjatx, surmast, ghax rieqad!

Pawlu Hallik mill-irqad....festa....allegrija....(Jersaq hdejn it-tifel) Rikkardu! Rikkardu! Il-battalja mirbuha... irxuxtajt anke int!!! (Iqaqalqu u jara li rasu bla sahha, mitluqa. Ihoss idejh keshin, ghajnejh maghluqin ghal kollox; jibqa jhares lejh imwerwer, miblugh Guzeppi u s-surmast jersqu malajr. Missieru jinxtehet ghal fuqu u b'ghajta li twahhax, fgata) Alla tieghi!!! Rikkardu!!!

**<u>P U R T I E R A</u>**

**<u>T M I E M</u>**